**A.L. 113 tal-2015**

# ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 504)

## Regolamenti tal-2015 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar Deroga għal Staġun tal-Kaċċa fir-Rebbiegħa 2015 għall-Gamiem u s-Summien)

BIS-SAĦĦA tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 61 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp u tad-dispożizzjonijiet tat-tieni proviso tar-regolament 10(6) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, il-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2015 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar Deroga għal Staġun tal-Kaċċa fir-Rebbiegħa tal-2015 għall-Gamiem u Summien). Titolu.

**2.** Kliem u frażijiet użati f'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, għandu jkollhom l-istess tifsir bħal dak mogħti fir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħin "ir-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi": Tifsir. L.S. 504.71

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti ma jibqgħux validi jekk u malli tiġi ppubblikata Proklama mill-President ta' Malta skont l-artikolu 20 tal-Att dwar ir-Referendi fejn jiġi ddikjarat illi wara r-referendum tal-11 ta' April 2015 ir-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi (Qafas biex Tiġi Permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun għall-Kaċċa tal-Gamiem u s-Summien fir-Rebbiegħa) ma jibqgħux fis-seħħ. Kap. 237. L.S. 504.94

**3.** Għall-finijiet tat-tieni proviso tar-regolament 10(6) tar-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi u għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, il-perjodu għall-kaċċa tal-Gamiema u s-Summiena għas-sena 2015, hawn aktar 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejjaħ "l-istaġun tal-kaċċa fir-Rebbiegħa", għandu jkun mill-14 ta' April sat-30 ta' April, 2015, iż-żewġ dati inklużi, mingħajr preġudizzju għall-proviso tar-regolament 2. Stabbiliment tal-perjodu tal-kaċċa.

**4.** Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, l-istaġun tal-kaċċa fir-Rebbiegħa għandu jkun skont id-dispożizzjonijiet tal-qafas stabbilit bir-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi (Qafas biex Tiġi Permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun għall-Kaċċa tal-Gamiem u s- Kaċċa skont qafas speċifikat. L.S. 504.94

Summien fir-Rebbiegħa).

Liċenzji speċjali u kwoti.

**5.** (1) Il-Liċenzja għall-Kaċċa fir-Rebbiegħa għandha tistabbilixxi l-kwota komplessiva għall-istaġun tal-kaċċa fir-Rebbiegħa ta' 11,000 għall-Gamiem u ta' 5,000 għas-Summien bħala n-numru totali ta' għasafar li jistgħu jiġu kkaċċjati taħt l-awtorità tal-liċenzji kollha maħruġa meħudin flimkien.

(2) Il-Liċenzja għall-Kaċċa fir-Rebbiegħa għandha tistabbilixxi l-kwota ta' għasafar li jistgħu jinqabdu kuljum ta' żewġ (2) għasafar u l-kwota ta' għasafar li jistgħu jinqabdu matul l-istaġun tar-Rebbiegħa ta' erba' (4) għasafar għal kull Liċenzja għall-Kaċċa fir-Rebbiegħa jew kemm, taħt dak in-numru, jistgħu jkunu ġew ikkaċċjati qabel ma jkun għalaq l-istaġun.

Kap. 237.
L.S. 504.94

(3) Il-Liċenzji għall-Kaċċa fir-Rebbiegħa ma jibqgħux validi jekk u malli tiġi ppubblikata Proklama mill-President ta' Malta skont l-artikolu 20 tal-Att dwar ir-Referendi fejn jiġi ddikjarat illi wara r-referendum tal-11 ta' April 2015 ir-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi (Qafas biex Tiġi Permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun għall-Kaċċa tal-Gamiem u s-Summien fir-Rebbiegħa) ma jibqgħux fis-seħħ.

**L.N. 113 of 2015**

## ENVIRONMENT AND DEVELOPMENT PLANNING ACT (CAP. 504)

## Conservation of Wild Birds (Declaration on a Derogation for a 2015 Spring Hunting Season for Turtle Dove and Quail) Regulations, 2015

BY VIRTUE of the powers conferred by article 61 of the Environment and Development Planning Act, and in terms of the provisions of the second proviso of regulation 10(6) of the Conservation of Wild Birds Regulations, the Minister for Sustainable Development, the Environment and Climate Change has made the following regulations:-

**1.** The title of these regulations is the Conservation of Wild Birds (Declaration on a Derogation for a 2015 Spring Hunting Season for Turtle Dove and Quail) Regulations, 2015. Citation.

**2.** Terms and expressions used in these regulations, unless the context otherwise requires, shall have the same meaning as given to them in the Conservation of Wild Birds Regulations, hereinafter referred to as the "the Wild Birds Regulations": Interpretation. S.L. 504.71

Provided that the provisions of these regulations shall cease to have effect in the event of and upon the publication by the President of Malta of a Proclamation in terms of article 20 of the Referenda Act declaring that following the referendum of the 11 April 2015 the Conservation of Wild Birds (Framework for Allowing a Derogation Opening a Spring Hunting Season for Turtle Dove and Quail) Regulations shall not continue in force. Cap. 237. S.L.504.94

**3.** For the purposes of the second proviso to regulation 10(6) of the Wild Birds Regulations and for the purposes of these regulations, the period for the hunting of Turtle Dove and Quail for the year 2015, hereinafter in these regulations referred to as "the spring hunting season", shall be from the 14th April to the 30th April, 2015, both dates included, without prejudice to the proviso of regulation 2. Establishment of hunting period.

**4.** For the purposes of these regulations, the spring hunting season shall be in accordance with the provisions of the framework laid down by the Conservation of Wild Birds (Framework for Allowing a Derogation Opening a Spring Hunting Season for Turtle Dove and Quail) Regulations. Hunting according to set framework. S.L. 504.94

Special licence and quotas.

**5.** (1) The Spring Hunting Licence shall set the overall bag limit for the spring hunting season at 11,000 for Turtle Dove and 5,000 for Quail as the total number of birds which may be hunted under the authority of all issued licences taken together.

(2) The Spring Hunting Licence shall set the daily bag limit to two (2) birds and the spring hunting season's bag limit to four (4) birds per Spring Hunting License or however many below this number might have been hunted before the season closed.

Cap. 237.
S.L.504.94

(3) The Spring Hunting Licence shall cease to have effect in the event of and upon the publication by the President of Malta of a Proclamation in terms of article 20 of the Referenda Act declaring that following the referendum of the 11 April 2015 the Conservation of Wild Birds (Framework for Allowing a Derogation Opening a Spring Hunting Season for Turtle Dove and Quail) Regulations shall not continue in force.